MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2003

Numru. 155/2001

Il-Pulizija
(Spettur Ivan Portelli)
vs
Andrew Mifsud

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Andrew Mifsud, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 123874(M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat talli nhar it-13 ta' Ottubru 2000, fl-Isptar San Luqa, bhala Ufficjal Pubbliku, illi minhabba il-kariga jew l-impieg tieghu, hu fi dmir li jaghmel jew li jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, dan bi ksur tal-Artikolu 185 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika,

xjentement ghamel dikjarazzjoni falza, jew ta taghrif falz, dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-imputat fuq imsemmi li jahdem bhala ward clerk fl-isptar San Luqa fit-13 ta' Ottubru tas-sena 2000 kien xoghol mis-7.30a.m. sas-2.30p.m. F'din il-gurnata partikolari u dan kif jirrizulta mill-istqarrija ta' l-imputat a fol 19 tal-process l-imputat uza s-sistema kompjuterizzata ta' l-isptar San Luqa, liema sistema hija maghrufa bhala l-PAS ghall-uzu personali tieghu. L-imputat fl-istqarrija tieghu qal illi huwa kien talab permess sabiex jaghmel dan minghand certu Alex Cilia, senior nurse li dakinhar kien inkarigat mis-Sala fil-Ward S3. Mistoqsi x'kien ghamel l-imputat qal fl-istqarrija tieghu illi ried gurnata frank minn naha tal-part time tieghu peress illi huwa jahdem part time ma Inlaws Limited ta' San Pawl il-Bahar bhala Chef u ghalhekk ivvinta li dakinhar kif imsemmi huwa dahal l-isptar bhala pazjent u fil-fatt nizel fis-sistema komputerizzata ta' l-isptar illi kien dahal bhala pazjent fil-Ward S3 dakinhar. L-imputat qal illi huwa ghandu access ghal din is-sistema peress illi jahdem biha. L-Ufficjal Prosekutur kien urih il-lista tal-pazjenti ta' dikinhar u f'din il-lista jidher ismu u huwa qabel illi dikinhar nizzel ismu bhala pazjent, mentri fil-fatt huwa dakinhar ma kienx pazjent ta' l-isptar San Luqa, la f'dik is-sala u lanqas f'xi sala ohra. Mistoqsi jekk kienx jaf li dak li ghamel setgha jikkostitwixxi reat kriminali peress illi abbuza mis-sistema, liema sistema hija kunfidenzjali, l-imputat wiegeb li kien jaf, pero' sar jaf wara li ghamel dak li kien ghamel (fol. 20 tal-process). L-imputat qal ukoll illi huwa ghamel

dak li kien ghamel peress illi fi zmien in kwistjoni kien ghaddej minn problemi personali u fil-fatt kien ukoll qieghed jiehu tranquillizers peress illi kien qieghed ibaghti minn anzjeta, kien anzjuz u ma kienx f'siktu fiz-zmien in kwistjoni.

Illi xehed Jesmond Sharples, nursing officer fl-isptar San Luqa u qal illi jaf lill-imputat peress illi jahdem mieghu l-isptar. Ix-xoghol ta' l-imputat huwa ta' nursing officer u meta sehh l-allegat reat huwa kien frank. L-ghada dahal ix-xoghol filghodu, kien qieghed jaghmel l-istatistika ta' kemm ghandu pazjenti fil-ward tieghu u irrizultatlu diskrepanza ta' persuna wahda u bejnu u bejn ruhu beda jghid hawn hekk x'gara. U l-imputat qallu isma jiena dahhalt ismi fil-computer bhala li qieghed fil-ward tieghek bhala pazjent. Is-Sur Sharples staqsih ghalfejn kien ghamel hekk u skond is-Sur Sharples l-imputat qallu illi kellu job part time ma restaurant, ma setghax imur ghax-xoghol u ghalhekk ried juri lill-employer tieghu illi huwa dakinhar kien rikoverat l-isptar u kien ghalhekk li ma setghax imur ghax-xoghol. Is-Sur Sharples kompla jghid illi kien qal lill-imputat illi kien ghamel hazin u tkellem mas-superjuri tieghu li kienu qalulu biex imexxi l-kaz u b'hekk il-kaz wasal il-Qorti. Is-Sur Sharples kompla jghid illi fiz-zmien in kwistjoni l-imputat kellu diversi problemi ta' natura personali, kien jassenta ruhu mix-xoghol ghal ebda raguni valida u dana peress illi kellu problemi ta' natura personali u s-superjuri ta' l-imputat riedu jzommu jdejhom fuqu. Is-Sur Sharples kompla jixhed illi kien wissa lill-imputat biex ma jergax u fil-fatt l-imputat ma regax. Is-Sur Sharples qal illi l-problemi li kellu l-imputat kienu problemi personali konnessi maz-zwieg tieghu.

Illi xehdet Audrey Micallef, clerk fil-personal section ta' l-isptar San Luqa u ikkonfermat illi l-imputat jahdem bhala Ward Clerk fl-isptar San Luqa u huwa impjegat mal-Gvern. Dahal jahdem mal-Gvern f'Novembru 1999.

Illi gie esebit id-Dokument XX1 fejn a fol. 30 tal-process jidher isem l-imputat Andrew Mifsud imnizzel fil-lista tal-pazjenti fl-isptar San Luqa fil-Ward S 3.

Illi rega’ xehed Jesmond Sharples u gie muri d-Dokument XX1 li jinsab a fol. 30 tal-process. Huwa xehed li din hija “print out” tal-“ward census” li fiha hemm imnizzel il-pazjenti bl-ID card number taghhom illi kienu rikoverati f’dik is-sala f’dik id-data partikolari u minn dan id-Dokument XX1 jirrizulta illi wiehed minn dawn il-pazjenti f’dik il-lista kien proprju l-imputat, is-Sur Andrew Mifsud. Fil-fatt ismu huwa imnizzel bhala l-ahhar persuna li kien deher fuq din il-lista. Effettivament, kif kien diga xehed, Sharples rega’ ikkonferma bil-gurament tieghu illi l-imputat ma kienx pazjent fl-isptar f’dik il-ward dikinhar. Huwa kien l-isptar, pero’ kien hemm hekk fuq xoghol u mhux rikoverat f’xi sala.

Ikkunsidrat :

Illi Dr Angelo Farrugia ghall-imputat esebixxa dokument mahrug minn Dr Joseph Grech Attard fid-19 ta’ Mejju, 2002 fejn iccertifika illi l-imputat fuq imsemmi kien taht il-kura tieghu matul il-perjodu ta’ Gunju u Dicembru tas-sena 2000. F’dak il-perjodu l-imputat kien qieghed isofri minn stat akut ta’ anzjeta peress illi kellu problemi ta’ natura matrimonjali. Dr Grech Attard ikkonferma wkoll f’dan id-dokument illi fiz-zmien in kwistjoni l-imputat kien qieghed jiehu wkoll medicina. Illum il-gurnata huwa jinsab hafna ahjar.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reati kontemplati fl-Artikoli 185 u 188 tal-Kap. 9;

Illi l-Avukat Difesur semma in linea difensjonali il-fatt illi r-reat in kwistjoni sehh fit-13 ta’ Ottubru tas-sena 2000 u cioe’ qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi tal-Kodici Kriminali permezz ta’ l-Att 3 ta’ l-2001. L-Avukat difensur ghamel riferenza ghall-Artikolu 337 (b) tal-Kap. 9. Sostna illi peress illi dan l-Artikolu dahal fis-sehh wara illi gie kommess ir-reat in kwistjoni l-imputat ghandu jigi liberat.

Illi effettivament l-Artikolu 337 (b) huwa Artikolu illi jaghti l-interpretazzjoni ta’ diversi definizzjonijiet. Illi pero’ dan l-

Artikolu jghid hekk "For the purposes of this subtitle the following definitions, unless the context otherwise requires, shall apply" Issa s-subtitolu illi ghalih qieghed jirreferi l-Artikolu 337 (b) huwa s-subtitolu 5 "Of computer misuse. Dana s-subtitolu ma ghandu x'jaqsam xejn ma l-Artikoli in kwistjoni, jigifieri l-Artikolu 185 u 188 tal-Kap. 9, illi ilhom ma jigu emendati mill-1981, u ghaldaqstant bir-rispett kollu l-argument tad-difiza ma irreggix u qieghed jigi respint mill-Qorti.

Illi jirrizulta fuq ammissjoni ta' l-istess imputat fl-istqarrija li irrilaxxja lill-pulizija illi l-imputat kien responsabbli u kien jahdem fuq is-sistema tal-PAS ta' l-isptar San Luqa. Huwa kellu access ghal din is-sistema u dahal fuq din is-sistema u biddilha sabiex jakkwista vantagg ghalih innifsu. Dan kollu irrizulta mill-istqarrija ta' l-istess imputat.

Illi gie ippruvat illi l-imputat fuq imsemmi huwa ufficjal pubbliku u irrizulta wkoll mill-istess stqarrija ta' l-imputat, u l-istqarrija hija r-regina tal-provi, illi meta l-imputat ghamel it-tibdil in kwistjoni huwa kellu l-intenzjoni posittiva diretta illi jaghmel dan it-tibdil u illi permezz ta' dan it-tibdil huwa jakkwista vantagg jew beneficcju ghalih innifsu u ghaldaqstant il-Qorti hija sodisfatta illi r-reat kommess mill-imputat kien wiehed doluz.

Illi d-difiza attakkat ukoll il-validita tad-Dokument XX 1. Issa fuq dan id-dokument illi jinsab a fol. 30 tal-process, hemm imnizzel illi dan huwa kopja vera ta' l-original u effettivament hemm nizzel hekk u iffirma ukoll f'dan is-sens Jesmond Sharples.

Illi Jesmond Sharples xehed darbtejn f'dawn il-proceduri, xehed illi huwa nursing officer fl-isptar San Luqa, u li kien qieghed jaghmel l-istatistika ta' kemm ghandu pazjenti fil-ward tieghu fl-isptar meta induna bid-diskrepanza in kwistjoni tort ta' l-agir ta' l-imputat.

Illi l-istess Jesmond Sharples ra d-Dokument XX 1 esebit a fol. 30 tal-process u xehed illi din hija print out tal-ward census illi fiha hemm imnizzel il-pazjenti bl-ID card number taghhom rikoverati f'dik is-sala f'dik id-data

partikolari u ikkonferma li fuq din il-lista jirrizulta li wiehed mill-pazjenti f'dik il-lista u f'dik id-data kien l-imputat u illi dakinhar l-imputat ma kienx pazjent fl-isptar f'dik is-sala imma kienx xoghol l-isptar.

Illi b'hekk il-Prosekuzzjoni resqet l-ahjar prova possibbli illi setghet tressaq sabiex tipprova l-kaz taghha u ghalhekk ukoll l-argument tad-difiza ma irreggix.

Illi lanqas ma irreggi l-argument tad-difiza fis-sens illi l-imputat allega illi kien awtorizzat sabiex jaghmel dak illi ghamel minn certu Alex Cilia. L-imputat agixxa f'ismu, ammetta li ghamel dak illi ghamel, u l-fatt illi xi hadd setgha awtorizzah bl-ebda mod ma jista jiskolpah. Dak illi ghamel l-imputat jikkostitwixxi reat u ta' dan ma tezisti l-ebda skuza.

Il-Qorti tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi u l-Qorti wara illi rat l-Artikoli 185 u 188 tal-Kap. 9 qeghda issib lill-imputat <u>hati</u> ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta, il-fatt illi huwa mal-ewwel ammetta ma Jesmond Sharples dak illi kien ghamel, skuza ruhu u skond kif xehed l-istess Sharples l-imputat qatt ma rega' irrepeta l-agir tieghu. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat ikkopera ferm mal-Prosekuzzjoni u ammetta mal-Pulizija fl-istqarrija li irrilaxxja u ghaldaqstant tara illi piena karcerarja certament ma hiex idoneja ghall-akkadut u li jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali, tenut kont ukoll tal-fatt illi meta ikkommetta r-reat in kwistjoni l-imputat kien qieghed isofri minn stat ta' anzjeta akuta minhabba problemi ta' natura personali, illi l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jaqbad it-triq it-tajba, u ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 filwaqt illi tilliberah tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tmintax il-xahar mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati illi jekk huwa jikkommetti reat  iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni huwa jista jigi ikkundannat ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------